**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Gunju 2018**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Nru. 297/2018 JZM**

**Norbert Bellia**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-2 ta` April 2018 li jaqra hekk :

*Illi l-esponent huwa kreditur ipotekarju tas-socjeta` Noel Abela (Holdings) Company Limited (C-4446) wara li b`kuntratt tat-12 ta` Marzu 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Spiteri gie surrogat fid-drittijiet kollha, inkluz dawk ipotekarji, li n-Nutar Dottor Joseph Tabone kellu bin-nota tal-ipoteka tliet elef u sitta u ghoxrin tas-sena elf disa` mija disgha u tmenin (H. 3026/1989).*

*Illi prezentement l-esponent jinsab ukoll fi trattattivi sabiex jakkwista djun ohra ta` Noel Abela (Holdings) Company Limited u ta` Emanuel sive Noel Abela, liema trattattivi jinsabu fi stadju avvanzat.*

*Illi l-intimat Registratur kien qies li s-socjeta` Noel Abela (Holdings) Company Limited ma kinitx qed topera skond l-artikolu 325(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta). Konsegwentement, l-isem tas-socjeta` Noel Abela (Holdings) Company Limited gie mhassar b`effett mill-4 ta` April 2013.*

*Illi meta thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, Noel Abela (Holdings) Company Limited kien ghad fadlilha l-proprjeta` li taghha llum l-esponent huwa kreditur ipotekarju u dan kif jirrizulta mir-ricerki pubblici ta` Noel Abela (Holdings) Company Limited.*

*Illi l-esponent huwa l-uniku kreditur ipotekarju tal-proprjeta` li fuqha jgawdi ipoteka specjali. Ghalhekk, l-esponent ihossu aggravat bil-fatt li l-isem tal-kumpannija thassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji; l-esponent ghandu interess li l-istess kumpannija terga` titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji biex ikun jista` jesgwixxi l-kreditu u d-drittijiet ipotekarji tieghu kontra taghha.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-isem tal-kumpannija Noel Abela (Holdings) Company Limited (C-4446) jerga` jiddahhal fir-Registru tal-Kumpanniji ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta b`dana illi l-kumpannija titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar u dana taht dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa.*

*Bl-ispejjez ta` dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Registratur intimat u fin-nuqqas, l-esponent jirriserva d-dritt li jigi rimborsat ta` kwalsijasi spejjez minn kwalunkwe proceduri ulterjuri u sussegwenti, inkluz proceduri ta` bejgh fl-irkant tal-proprjeta` ipotekata favur l-esponent jekk ikun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimati fid-<u>9 ta` Mejju 2018</u> li taqra hekk :-

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali peress illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrent huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-procedura taht l-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji giet inizjata mir-Registratur f`dan il-kaz ghaliex il-kumpannija Noel Abela (Holdings) Company Limited (C4446) kienet mitluqa u abbandunata ghal kollox. Dan billi l-*

*kumpannija mhux biss naqset milli taghmel u tissottometti ghar-registrazzjoni d-dokumenti tal-compliance wisq anqas milli tibghat il-kontijiet u l-prospetti annwali li kienet obbligata li tibghat kull sena. Tant hu hekk illi l-ahhar dokument li ntbaghat kien igib id-data tas-sena tal-1989. Ghaldaqstant il-kumpannija flimkien mal-ufficjali taghha kienu gew ukoll suggetti ghal diversi penalitajiet.*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu zgur kien raguni bizzejjed sabiex ir-Registratur jissoponi illi l-kumpannija ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 ta` l-Att dwar il-Kumpaniji.*

*Illi skont kif jipprovdi l-istess Artikolu 325 tal-Att u billi r-Registratur ma rcieva ebda risposta ghad-diversi ittri mibghuta minnu, la minghand il-kumpannija u lanqas minghand id-diretturi taghha, huwa ghadda sabiex jippubblika fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta li torhog kuljum l-avviz illi tliet xhur wara dik id-data, l-isem tal-kumpannija kien sejjer jitnehha minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji. L-avviz kompla illi konsegwentement kull attiv illi l-kumpannija kellha registrat f`isimha kellu jghaddi f`idejn il-Gvern. Illi billi f`dawk it-tliet xhur hadd, lanqas ir-rikorrent ma wera interess li dan ma jsirx, ir-Registratur ghadda biex ihassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Registru.*

*Illi r-rikorrent inghata bizzejjed cans kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avvizi fuq imsemmija sabiex jinforma lir-Registratur tal-Kumpanniji illi l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru izda dan baqa` inadempjenti.*

*Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent qieghed jibbaza t-talba tieghu biex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru bhala kreditur ai termini tas-subartikolu 4 tal-Artikolu 325 tal-Att. Dan tal-att jipprovdi illi tali rimedju jinghata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta illi jkun xieraq illi jsir dan.*

*Illi r-Registratur japprezza l-fatt illi meta f`bhal dan il-kaz ikun kreditur illi jkun qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitpogga lura uq ir-registru, dina l-Qorti m`ghandhiex kontroll fuq x`kundizzjonijiet tista` timponi fuq il-kumpannija. Dan ghaliex l-isem tal-kumpannija jkun qieghed jerga` jitpogga fuq ir-registru principarjament ghall-beneficju tal-kreditur.*

*Illi ghalhekk ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi jekk hu possibbli, meta tigi biex taghti s-sentenza, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra illi ghandu jinstab bilanc realistiku bejn dak li jirrigwardja l-interessi tar-registru pubbliku tal-kumpanniji illi ma jispiccax b`kumpanniji li*

*mhumiex in regola mal-Att fuq ir-Registru ghal zmien indefinit u minghajr m`ghandhom l-ebda tip ta` attivita` u min-naha l-ohra l-kreditur tal-kumpannija illi l-interess ewlieni tieghu jkun biss sabiex jizgura li ma jitlifx ebda jedd jew dritt fuq il-kreditu tieghu.*

*Illi l-esponent Registratur jopponi bis-shih ghal kwalunkwe tip ta` spejjez. Dan semplicement ghall-fatt illi hu mexa korrett u skont kif titlob minnu l-ligi.*

*Dan salv kull provvediment iehor illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

**Rat id-digriet li nghata fis-16 ta` April 2018 fejn, abbazi ta` dak nghad fir-rikors promotur u anke ta` dak li nghad fir-risposta, saret referenza ghall-Avviz Legali 92 tal-2018 u ghall-Art 21(b)(i) (ii) u (iii) tal-Att I tal-2018, fis-sens illi l-kawza kellha tinstema` mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc).**

**Rat il-verbal li ghamlet id-difensur tal-intimat fl-udjenza tas-17 ta` Mejju 2018 fejn iddikjarat :-**

***... illi l-kumpannija li kellha l-isem "Noel Abela (Holdings) Co Ltd (C4446) ma kinitx regolata bil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta izda bil-Kap 168 tal-Ligijiet ta` Malta peress illi qatt ma giet in linea mal-ligi l-gdida skont l-Art 482(4) tal-Kap 386.***

**Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn in vista tal-fatt illi l-kumpannija in kwistjoni ma taqax taht ir-regim tal-Kap 386 mhijiex il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) li ghandha gurisdizzjoni biex tisma` din il-kawza imma ghandha tkun il-Prim`Awla tal-Qorti Civili. Ghalhekk kienet revokata dik il-parti tad-digriet tas-16 ta` April 2018 li jaghmel referenza ghall-Avviz Legali 92 tal-2018 u ghall-Att I tal-2018.**

**Rat il-posizzjoni li ha r-rikorrent fejn talab lill-Qorti sabiex tqis it-talba tieghu billi taghmel referenza ghall-Kap 168 u taghtih rimedju.**

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Dr. Joselle Farrugia fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2018.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum.

## II. Analizi tal-provi

Il-fatti kif esposti fir-rikors promotur mhux kontestati mill-intimat.

Huma korraborati mid-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur kif ukoll mid-deposizzjoni tal-Av. Dr. Joselle Farrugia.

**In succint** qed jinghad hekk :

Ir-rikorrent huwa kreditur ipotekarju tal-kumpannija Noel Abela (Holdings) Company Limited abbazi tal-kuntratt (ara fol 4 u 5), fejn kien surrogat fid-drittijiet li kellu kreditur precedenti. Favur dak il-kreditur, u allura llum favur ir-rikorrent, hemm ipoteka legali specjali fuq l-arja sovrapposta ghall-blokk flats u erba` garages mibnija minflok il-fond bin-numru mija u tmienja u erbghin Main Street San Giljan li tmiss min-nofsinhar mat-triq, punent ma` gid tal-familja Schembri, u lvant ma` gid tal-familja Caruana (ara fol 6). Ir-rikorrent ghandu wkoll ftehim ma` Bank of Valletta plc illi versu korrispettiv ta` €100,000 jakkwista surroga mill-bank ta` kreditu li l-bank ghandu kontra l-istess kumpannija. L-uniku kondizzjoni li ghamel il-bank kienet illi l-isem ta` l-kumpannija debitrici (li isimha thassar mir-registru) ikun lura fir-registru (ara d-deposizzjoni ta` l-Av. Dr. Joselle Farrugia). Ghalkemm l-isem tal-kumpannija thassar mir-registru, l-arja baqghet tal-kumpannija. Ir-rikorrent jikkontendi li jekk l-isem tal-kumpannija jibqa` mhassar se jkun pregudikat ghaliex ma jkunx jista` jintavola proceduri biex jesegwixxi l-kreditu ipotekarju tieghu fuq l-arja de qua. Ghalhekk talab li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

## III. L-Art 325 tal-Kap 386

**Ir-rikorrent ressaq it-talba abbazi tal-Art 325 tal-Kap 386. L-intimat wiegeb abbazi tal-istess disposizzjoni. Fil-mori tal-kawza rrizulta li l-kumpannija in kwistjoni kienet regolata bil-Kap 168 mhux bil-Kap 386 billi baqghet ma kkonformatx ruhha mal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji skont kif jipprovdi l-Art 428 tal-istess Att. Infatti s-smigh tar-rikors baqa` kompetenza ta` din il-Qorti mhux tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) billi kazi relatati mal-Kap 168 (ghad-differenza ta` kazi relatati mal-Kap 386) ma jaqghux fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) skont l-Att I tal-2018. Ghalhekk il-Qorti ma tistax taghti provvediment abbazi tal-Art 325 tal-Kap 386.**

**IV.** **<u>Il-Kap 168</u>**

Abbazi tal-fatti accertati, ir-rikorrent huwa gustifikat illi jitlob li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

Id-diffikulta` li tipprezenta s-sitwazzjoni tieghu hija ta` natura legali, ghaliex filwaqt illi bl-Art 325, il-Kap 386 jahseb x`jista` jsir wara li kumpannija tkun thassret mir-registru, il-Kap 168 ma jghid xejn. Kien propju ghalhekk illi meta sar il-Kap 386, il-legislatur haseb biex jimla l-vojt li ma kienx jahseb ghalih il-Kap 168.

X`ifisser dan ghall-istanza tar-rikorrent ?

Ir-risposta ghal dan il-kwesit tinsab fid-decizjoni li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta` Jannar 2006 fil-kawza fl-ismijiet `**<u>Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Ir-Registratur tas-Socjetajiet et</u>**` [Citaz. Nru. 1082/2005 TM] (li minnha ma kienx hemm appell) u fil-gurisprudenza hemm citata.

Inghad hekk :-

*Hemm qbil li din is-socjeta` partikolari hija regolata millOrdinanza Dwar Socjetajiet Kummercjali, u mhux mill-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386). Hawn fatt ukoll illi ma hemm l-ebda provvediment fl-istess Ordinanza li jipprovdi ghar-revoka tal-proceduri li jwasslu ghal-kancellament tassocjeta` minn fuq ir-registru tal-kumpaniji.*

*Dan premess, ma jfissirx li l-Qrati ma pprovdux rimedju filkazijiet fejn dehrilhom li jkun gust u ekwu li jinghata rimedju opportun. Din il-Qorti, fil-kawza "Abela noe et vs Cachia et", decisa fl-20 ta` Marzu, 2003, kienet ezaminat il-posizzjoni li hadu l-Qrati taghna u kienet ghamlet dawn l-osservazzjonijet :*

*"Ghar-rigward tal-meritu, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fis-sentenza li tat f`din il-kawza fit-28 ta` Gunju, 2001, kienet irriservat il-posizzjoni taghha dwar kemm hu possibli li socjeta` "struck off" minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji setghet tigi ravvivata. F`decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "<u>Dr. Leslie Grech vs Registratur tas-Socjetajiet</u>" fid-9 ta` Ottubru, 1979, kien gie deciz li, filligi taghna, ma kienx possibli li socjeta` li tkun giet dissolved tgi risucitata. Maz-zmien, pero`, jidher li kien hemm ripensament, u l-istess kwistjoni giet studjata funditus minn din il-Qorti fil-kawza "<u>Mayflower Co. Ltd et vs Registratur tas-Socjetajiet</u>", deciza fit-22 ta` Jannar, 1999, u din il-Qorti kienet accettat it-teorija ta` Gower, hemm kwotat, li "A contrast between the death of an*

*individual and that of a company is that, without divine intervention, but merely by an order of the Court, a dissolved company can be resurrected".*

*Dan l-ahhar insenjament gie abbraccjat minn din il-Qorti fil-kawza "Migdol Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe" deciza fit-18 ta` Mejju, 2001, fejn intqal li kumpanija tista` fl-interess tal-kredituri, terga` titqieghed fuq ir-registru talkumpanniji avolja tkun giet imhassra.*

*Il-possibilita` li kumpanija mhassra terga` titqieghed fuq ir-Registru, gie implicitament rikonoxxut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Barbara vs El-Ferghani", deciza fil-5 ta` Ottubru 2001 fejn gie deciz li jekk l-amalgamazzjoni ta` zewg kumpaniji tigi dikjarata nulla, l-istess zewg kumpaniji jergghu jiehdu l-istat taghhom."*

(ara wkoll : **Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Ir-Registratur tas-Socjetajiet et** : Citaz. Nru. 1083/2005 TM : 24 ta` Jannar 2006)

Din il-Qorti tikkondividi din il-gurisprudenza u sejra taghmilha taghha ghaliex il-principji enuncjati fiha jghoddu ghall-kaz tal-lum.

Il-Qorti tifhem ir-ragunijiet tal-intimat li wasslu ghat-thassir tal-kumpannija.

Tifhem ukoll il-kawtela tal-intimat meta jigi biex jesprimi ruhu dwar talba sabiex kumpannija li isimha jkun thassar mir-registru terga` titqieghed fuq ir-registru, aktar u aktar f`kazi bhal dak tal-lum fejn it-talba tkun qed issir minn kreditur.

Dan qed jinghad ghaliex meta t-talba ssir minn azzjonista, tkun tista` tintuza lieva fuq l-azzjonista, sabiex jigi assikurat li l-pendenzi tal-kumpannija jigu regolarizzati qabel tkun mejqus it-talba, u sabiex jigi assigurat li fil-kaz li l-isem jerga` jidhol fir-registru, il-kumpannija toqghod mal-obbligi taghha skont il-ligi.

Meta t-talba ssir kreditur, jibqa` r-riskju reali li l-kumpannija terga` tidhol fir-registru bil-kumpannija tibqa` minghajr direzzjoni jew kontroll effettiv.

Il-Qorti trid ghalhekk tfittex bilanc. Dan sejra taghmel bil-provvediment li sejra taghti.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u abbazi tal-fatti ppruvati u cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti qeghda tipprovdi hekk -**

**1. Tiddikjara li l-isem tal-kumpannija Noel Abela (Holdings) Company Limited (C-4446) ghandu jerga` tidhol fir-Registru tal-Kumpanniji li huma regolati bl-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali – Kap 168 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**2. Tordna li l-isem tal-kumpannija Noel Abela (Holdings) Company Limited (C-4446) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji li huma regolati bl-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali – Kap 168 tal-Ligijiet ta` Malta - u jdum hekk registrat sat-30 ta` Gunju 2020.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta` dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien sebat ijiem mid-data illi fiha r-Registratur tal-Qrati jkun ikkonsenjalu kopja ufficjali ta` dan l-ordni, jirregistra l-kumpannija Noel Abela (Holdings) Company Limited (C-4446) fir-Registru tal-Kumpanniji li huma regolati bl-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali – Kap 168 tal-Ligijiet ta` Malta, u minn dakinhar tar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**5. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien ghaxart ijiem mid-data tar-registrazzjoni ta` l-kumpannija Noel Abela (Holdings) Company Limited (C-4446) fir-Registru tal-Kumpanniji li huma regolati bl-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali – Kap 168 tal-Ligijiet ta` Malta - ighaddi biex jippubblika avviz fuq il-*website* mizmuma minnu u f`gazzetta wahda li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`dawn il-Gzejjer fejn jiddikjara illi l-isem tal-kumpannija Noel Abela (Holdings) Company Limited (C-4446) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji li huma regolati bl-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali – Kap 168 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**6. Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez tieghu.**

**7 Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez tieghu kif ukoll l-ispejjez relatati mal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**